MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 238/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-esponenti zzewget lill-konvenut fid-19 ta' Lulju, 2003;

Illi minn dak iz-zmien ma twieldu ebda tfal;

Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola z-Zwigijiet.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C B fejn dan eccepixxa:

Illi l-esponenti jikkonferma li zzewweg lir-rikorrenti fid-19 ta' Lulju 2003 u minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal;

Illi l-intimat jissottometti li z-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti tar-rikorrenti li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Illi hemm qbil li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi hemm qbil li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi hemm qbil li l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra r-rikiorrenti li minn issa hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi:

Permezz ta’ din il-kawza, l-attrici qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara li z-zwieg tal-partijiet huwa null u dan ghal diversi ragunijiet.

L-attrici tinvoka fl-attentat taghha is-subincizi (d), (f) u (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-partijiet f’din il-kawza bdew ir-relazzjoni taghhom meta kienu ghadhom ta’ eta’ zghira. Ghalkemm bejniethom kien hemm hbiberija u rispett, jidher illi dawn resqu ghall-pass taz-zwieg ghax donnu kulhadd kien jistenna li hekk isir. Kienu ga’ jghixu u jagixxu indipendentement minn xulxin totalment waqt l-gherusija u din l-attitudni kompliet wara z-zwieg. Dan wassal ghall-bruda fir-relazzjoni li wasslet biex jitbeghdu minn xulxin kompletament.

Fl-isfond ta’ dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tibda biex tiskarta li ma tirraviza f’dawn il-fatti kif jidhru mix-xhieda prodotta, ebda sitwazzjoni ta’ qerq. Ma tirrizulta lil din il-Qorti ebda sitwazzjoni ta’ qerq. F’dan iz-zwieg hadd ma dahak b’hadd.

L-attrici qed issostni ukoll li l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid hekk:

“Jiena zzewwigt fl-eta ta’ 23 sena. Izzewwigt lill-ewwel persuna li qatt kelli relazzjoni maghha. Ma kontx naf kif wiehed kellu jikkomporta ruhu f’relazzjoni u minkejja li r-relazzjoni kienet birdet ghal kollox snin qabel iz-zwieg, jiena u C bqajna ma’ xulxin l-aktar ghaliex l-ebda wiehed minnha ma kellu l-kuragg jiffaccja lill-parti l-ohra sabiex jittermina din ir-relazzjoni jew hbiberija.

Nghid ukoll illi wara certu zmien kien ovvju li l-pass li jmiss kien iz-zwieg. Jiena u C ma kellniex xi hajra partikolari li nizzewgu. Jien zgur li ma kellix din il-hajra specjalment minhabba l-fatt li lil C qatt ma stajt narah bhala r-ragel tieghi izda biss bhala l-habib tieghi”.

Hija tghid ukoll:

“Jiena pero’ ma kellix kuragg niffaccjah. Oltre dan nghid illi jiena u C konna litteralment ibbumbardjati minn hbieb u qraba biex nizzewgu peress illi konna ilna flimkien. Dan holoq pressjoni kbira fuqi u fuq C biex naghmlu l-pass li jmiss.

Din is-sitwazzjoni waslet ghaz-zwieg taghna. Jiena dak iz-zmien kont imbezza’ kif ukoll immatura. Kont nibza’ nirrifjuta li nizzewweg u ma ridtx niffaccja lil C u lill-qraba u hbieb kollha illi kienu issa qeghdin jghinuni u jassistuni fiz-zwieg.

Nghid ukoll illi jiena ma kellix relazzjoni ohra hlief dik ma’ C u kont immatura hafna fid-dixerniment tieghi ta’ relazzjonijiet. Oltre dan jiena meta zzewwigt ma kontx naf ezatt x’inhu z-zwieg u x’kien jikkomprendi. Jiena qatt ma kont tkellimt mal-genituri tieghi, hbieb jew familja, dwar il-hajja mizzewga u ghalija kienet kaxxa maghluqa. Iz-zwieg kien biss ghalija l-pass li jmiss ma’ C izda ma kellix preparazzjoni mentali ghaz-zwieg.

Sia ghalija u ghar-ragel, iz-zwieg, aktar milli rabta ghall-hajjitna jew mezz ta’ kif niffurmaw familja gdida, kienet biss pass logiku iehor fir-relazzjoni ta’ hbiberija taghna li

kienet ipprecipitata minn pressjoni ta' hbieb u qraba. Ridna nippruvawha biex naraw x'toffri. La jiena u lanqas ir-ragel tieghi pero' ma fhimna ezattament x'inhu z-zwieg u x'inhuma l-obbligi li z-zwieg igib mieghu".

Il-konvenut dwar martu jghid hekk:

"Wara hames snin ta' gherusija, A kienet proponitli biex nizzewgu. Jien kont lest biex nizzewweg imma ridtha tifhem li dan kien pass importanti, serju u li kien jirrikjedi certu sagrificcji. Ridt lilha tkun certa minn dak li riedet ghax kont innutajt iktar minn darba li kienet tibda xi haga u taqta' lura wara ftit zmien u din zgur ma kinitx cucata li tipprova u wara ftit jekk ma toghgbokx taqbad u tnehhiha.

Wara sentejn ta' preparamenti fid-dar u anke korsijiet ta' preparazzjoni ghaz-zwieg waslet dik il-gurnata li tant konna hdimna biex tkun indimentikabbli. Sa qabel ic-cerimonja, jien u A konna tkellimna ftit bejnietna u milli niftakar kienet tidher ferm ecitata".

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza "Janet Portelli vs Victor Portelli" (deciza fl-14 ta' Awissu 1995):

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within.*"

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri" (deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla fl-4 ta' Novembru 1994); fejn, fi kwotazzjoni minn Forum 1990 Vol. 1, il-Qorti qalet hekk:

“Il matrimonio, in quanto patto ossia “foedus”.... richiede una capacita’ intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e’ per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita’ di mente e di liberta’, dato che.... si tratta di assumersi una “servitus” per tutta la vita”.

Fid-dawl ta’ dan l-insenjament, il-Qorti hi tal-fehma li l-kunsens ta’ l-attrici f’din il-kawza kien vizzjat kif mahsub fl-Art. 19 (1) (d) tal-Kap. 255.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi zwieg kontrattat bejn il-partijiet fid-19 ta’ Lulju 2003, huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------